



Check-list – Rikors

Settembru 2024

Dan id-dokument, imħejji mir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, huwa gwida prattika li ma huwiex eżawrjenti. Il-partijiet għandhom jirreferu għat-testi awtentiċi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (iktar 'il quddiem ir-"RP") u tad-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (iktar 'il quddiem id-"DPI"), għal kwalunkwe informazzjoni dwar ir-Regoli tal-Proċedura.

Informazzjoni ġenerali

1. **Indirizz** tal-applikazzjoni **e-Curia**: <https://curia.europa.eu/e-Curia>
2. **Mudelli tar-rikors**: mudelli tar-rikors għar-"rikorsi diretti" minbarra dawk relatati mad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u għar-rikorsi relatati mad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali huma disponibbli fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea taħt it-taqsimha "Il-Qorti Ġenerali/Proċedura"¹.
3. **Preparazzjoni tar-rikors**: it-test tar-rikors, inkluż il-werrej u l-iskeda li telenka l-annessi, jista' jinħażen direttament f'format PDF mis-software għall-ipproċessar ta' test, mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi skannjat².
4. **Preparazzjoni tal-annessi**: l-annessi għandhom ikunu f'fajl wieħed jew iktar separati mill-fajl li jkun fih it-test tar-rikors u l-iskeda li telenka l-annessi. Fajl wieħed jista' jkun fih diversi annessi. Ma huwiex obligatorju li jinħoloq fajl għal kull anness. Huwa rrakkomandat li l-annessi jiġu miżjudha meta ssir il-preżentata skont l-ordni konsekuttiv tagħhom u li l-isem tagħhom ikun preċiż biżżejjed (pereżempju: Annessi A.1 sa A.3, Annessi A.4 sa A.6, eċċ.)³.

¹ Punt 173 tad-DPI.

² It-tieni inċiż tal-punt 122 tad-DPI.

³ Ir-raba' inċiż tal-punt 122 tad-DPI.

PREŻENTAZZJONI TAR-RIKORS⁴

☐ **Preżentazzjoni tal-paġni:** fuq sfond abjad, mingħajr linji, f'format A4.

☐ **Test:** b'ittri ta' tipa komuni (bħal Times New Roman, Courier jew Arial) b'daqs ta' minn tal-inqas 12-il punt, bi spazju ta' 1 bejn il-linji u b'marġnijiet, fuq il-parti ta' fuq, ta' isfel, tax-xellug u tal-lemin tal-paġna ta' minn tal-inqas 2.5 cm.

☐ **Noti ta' qiegħ il-paġna:** b'ittri ta' tipa komuni (bħal Times New Roman, Courier jew Arial) b'daqs ta' minn tal-inqas 10 punti, bi spazju ta' 1 bejn il-linji. L-argumenti legali tal-partijiet għandhom ikunu jinsabu fil-korp tat-test tal-att proċedurali, u mhux fin-noti ta' qiegħ il-paġna, li l-għan tagħhom huwa prinċipalment li jinkludu r-referenzi għad-dokumenti ċċitati fl-att proċedurali.

☐ **Numru tal-paġni** kontinwu.

☐ **Paragrafi nnumerati** b'mod kontinwu u b'ordni konsekuttiv.

Numru massimu ⁵ ta' paġni:

- ☐
- **50** paġna għar-rikors fil-każ ta' rikors dirett, flief fil-każ ta' rikors ippreżentat skont l-Artikolu 270 TFUE jew fil-każ ta' kawża dwar proprjetà intellettuali;
 - **25** paġna għar-rikors fil-każ ta' rikors ippreżentat skont l-Artikolu 270 TFUE;
 - **20** paġna għar-rikors fil-każ ta' kawża dwar proprjetà intellettuali.

KONTENUT TAR-RIKORS⁶

☐ **Isem tal-att proċedurali: "Rikors".**

☐ **Identifikazzjoni tar-rikorrent jew tar-rikorrenti:** isem/ismijiet u indirizz/i tar-rikorrent/i [persuna/persuni fiżika/fiżiċi] / isem u sede tar-rikorrent/i [persuna/persuni ġuridika/ġuridiċi].

☐ **Identifikazzjoni tar-rappreżentant jew tar-rappreżentanti:** isem jew ismijiet – kwalità – indirizz.

☐ **Identifikazzjoni tal-konvenut:**

Fil-każ tar-rikorsi diretti: għandhom jiġu ppreċiżati l-istituzzjoni, il-korp jew l-organu konvenuti jew, fil-każ li r-rikors ikun ibbażat fuq klawżola ta' arbitraġġ, il-persuna fiżika jew ġuridika skont il-każ.

⁴ Punti 109, 111 u 156 tad-DPI.

⁵ Konformement mal-punt 158 tad-DPI, l-iskeda li telenka l-annessi u l-werrej ma jittieħdux inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tan-numru massimu ta' paġni tar-rikors.

⁶ Artikoli 76 u 177 tar-RP, punt 108 tad-DPI.

Fil-każ tal-kawżi dwar proprjetà intellettuali: għandhom jiġu ppreċiżati l-Uffiċċju konvenut (L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea jew L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti), l-isem jew l-ismijiet ta' kull parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell, l-indirizz jew l-indirizzi indikati minnhom għall-finijiet tan-notifiki quddiem l-Uffiċċju, jiġifieri l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant ta' din il-parti jew ta' dawn il-partijiet, u d-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell.

STRUTTURA TAR-RIKORS⁷

- ☐ **Introduzzjoni**: suġġett tat-tilwima: tip ta' rikors, bażi.
- ☐ **Espożizzjoni qasira tal-kontenut jew tal-verrej**, jekk it-tul tat-talba jaqbeż il-ħames paġni.
- ☐ **Espożizzjoni qasira tal-fatti u tad-dispożizzjonijiet rilevanti** li jkunu indispensabbli għall-fehim tal-motivi tar-rikors.
- ☐ **Argumentazzjoni legali** ppreżentati b'mod strutturat skont il-motivi invokati (fuq l-ammissibbiltà, skont il-każ, u fuq il-mertu) u **attribuzzjoni ta' titolu lil kull wieħed mill-motivi invokati**.
- ☐ **Talbiet** ifformulati b'mod preċiż (fil-bidu jew fl-aħħar tar-rikors)⁸.

⁷ Punti 110, 113, 162 sa 165, u 184 tad-DPI.

⁸ Jekk it-talbiet ikunu jinsabu kemm fil-bidu kif ukoll fl-aħħar tar-rikors, l-awtur għandu jiżgura li dawn ikunu identiċi bejniethom.

PREŻENTAZZJONI TAL-ANNESSI⁹

Ma' rikors jistgħu jiġu annessi biss id-dokumenti msemija fit-test ta' dan l-att proċedurali u li jsir riferiment għalihom fl-iskeda li telenka l-annessi li jkunu neċessarji sabiex jiġi pprovat jew ikkjarifikat il-kontenut tiegħu.

Il-partijiet għandhom jagħmlu selezzjoni rigoruża tad-dokumenti rilevanti għall-ħtiġijiet tat-tilwima. Il-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni Ewropea u l-atti li kienu s-suġġett ta' pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, iċċitati fl-atti proċedurali, ma għandhomx jiġu prodotti, ħlief fil-każ tal-att li jkun qiegħed jintalab l-annullament tiegħu.

- ☐ **Skeda li telenka l-annessi** fi tmiem ir-rikors li tindika (i) in-numru tal-anness, (ii) deskrizzjoni qasira tal-anness, (iii) l-indikazzjoni tal-bidu u tat-tmiem tal-anness skont in-numru tal-paġni kontinwu tal-annessi u (iv) l-indikazzjoni tan-numru tal-paragrafu fejn l-anness jissemma għall-ewwel darba u li tiġġustifika l-produzzjoni tiegħu.
- ☐ **Annessi nnumerati:** bl-użu ta' ittra u ta' numru. Għall-annessi mar-rikors uża Anness A.1, Anness A.2,
- ☐ **Numru tal-paġni tal-annessi:** l-indikazzjoni ta' anness permezz ta' paġna ta' introduzzjoni speċifika huwa rrakkomandat; in-numru tal-paġni għandu jkun b'mod kontinwu mill-ewwel paġna tal-ewwel anness (mhux tal-iskeda li telenka l-annessi li għandu jkollha n-numru tal-paġni tagħha marbuta mar-rikors), bl-inklużjoni tal-paġni ta' introduzzjoni u l-eventwali annessi tal-annessi.
- ☐ **Annessi fil-lingwa tal-kawża** (jekk ma tingħatax traduzzjoni, din tista' tintalab mill-Qorti Ġenerali).

⁹

Punti 115, 117, 118 u 127 tad-DPI.

ANNESSI OBBLIGATORJI¹⁰

- ☐ **Kull avukat li jkun qiegħed jirrappreżenta parti jew jassisti aġent** għandu jipproduċi dokument ta' leġittimazzjoni li jiċċertifika li l-avukat ikun awtorizzat jipprattika quddiem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat ieħor li jkun parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea sakemm tali dokument ma jkunx ġie diġà prodott għall-ftuħ ta' kont ta' aċċess e-Curia¹¹.
- ☐ **Jekk ir-rikorrent ikun persuna ġuridika rregolata mid-dritt privat, l-avukat għandu barra minn hekk jipproduċi:**
- prova tal-eżistenza ġuridika tal-persuna ġuridika (estratt mir-reġistru tal-kummerċ, estratt mir-reġistru tal-kumpanniji jew kwalunkwe dokument uffiċjali ieħor)
- u
- mandat¹².
- ☐ Ir-rappreżentant għandu jippreżenta, skont il-każ¹³:
- **I-att li jkun qiegħed jintalab l-annullament tiegħu** (rikors għal annullament), u dan anki meta dan l-att ikun ġie ppubblikat *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*
- jew
- **id-dokument li jiġġustifika d-data tal-istedina sabiex tittieħed azzjoni** (rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni)
- jew
- **I-ilment fis-sens tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal**, kif ukoll id-**deċiżjoni mogħtija bi tweġiba** għall-imsemmi lment (rikors ippreżentat bis-saħħa tal-Artikolu 270 TFUE) b'indikazzjoni tad-dati tal-preżentata u tal-komunikazzjoni
- jew
- **il-kuntratt** li jinkludi l-klawżola ta' arbitraġġ li fuqha tkun stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali (rikors ippreżentat konformement mal-Artikolu 272 TFUE bbażat fuq klawżola ta' arbitraġġ).

¹⁰ Ma huwiex neċessarju li fl-iskeda tal-annessi jsir riferiment għad-dokumenti formali previsti fl-Artikoli 51(2) u (3), u 78(4) tar-RP, li jistgħu jiġu prodotti separatament. Madankollu, għalkemm id-dokumenti formali huma prodotti fl-anness tar-rikors, dawn għandhom jidhru fl-iskeda li telenka l-annessi.

¹¹ Artikolu 51(2) tar-RP.

¹² Artikoli 51(3) u 78(4) tar-RP.

¹³ It-tieni paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut; Artikolu 78(2) u (3) tar-RP.

SUNT TAL-MOTIVI U TAL-ARGUMENTI PRINCIPALI¹⁴

- ☐ Għall-kawżi kollha, ħlief għall-kawżi dwar proprjetà intellettuali, ir-rappreżentant għandu jippreżenta **sunt tal-motivi u tal-argumenti prinċipali**, intiż li jiffaċilita t-tnejjja tal-avviż li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li s-sunt:

- jiġi prodott b'mod separat mit-test prinċipali tar-rikors u mill-annessi msemmija fir-rikors;
- ma jkunx ta' iktar minn żewġ paġni;
- jiġi redatt bil-lingwa tal-kawża;
- ikun konformi mal-mudell disponibbli fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea taħt it-taqsimha "Il-Qorti Ġenerali/Proċedura";
- jintbagħat permezz ta' e-Curia fil-mument tal-preżentata tar-rikors.

TABELLA LI TISTABBLIXXI L-LISTA TAR-RIKORRENTI¹⁵

- ☐ Għall-kawżi kollha bl-eċċezzjoni tal-kawżi dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, **rikors ippreżentat minn iktar minn għaxar rikorrenti** għandu jkun akkumpanjat minn **tabella li tistabbilixxi l-lista ta' dawn il-partijiet**.

Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li din it-tabella:

- tindika għal kull parti, f'kolonna separata, l-isem, il-kunjom, il-belt ta' residenza u l-pajjiż ta' residenza tagħha;
- tiġi redatta bil-lingwa tal-kawża;
- tkun konformi mal-mudell imqiegħed online fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea taħt it-taqsimha "Qorti Ġenerali/Proċedura" - Mudell ta' rikors għar-"rikorsi diretti" minbarra dawk relatati mad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;
- tiġi trażmessa permezz ta' e-Curia waqt il-preżentata tar-rikors u tkun ukoll trażmessa permezz ta' posta elettronika, fil-forma ta' sempliċi fajl elettroniku stabbilit b'software għal spreadsheet, fl-indirizz elettroniku tar-Reġistru (GC.Registry@curia.europa.eu), b'indikazzjoni tal-kawża li tirreferi għaliha jew tan-numru ta' preżentata mogħti fl-e-Curia waqt il-preżentata tar-rikors.

¹⁴ Punti 167 u 168 tad-DPI.

¹⁵ Punti 169 u 170 tad-DPI.